**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 152/09**

**Illum: 12 ta' Diċembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Conray Azzopardi**
**(ID 319087(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Conray Azzopardi, iben Raymond u Maria Concetta nee` Ellul, imwieled Pieta`, nhar it-13 ta' Lulju 1987, residenti 68, Clover Hill, Triq l-Imriekeb, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 319087(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-28 ta` Ġunju 2008, kif ukoll fl-aħħar xhur qabel din id-data:

a) Biegħ jew xort'oħra traffika fir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta` l-artikolu

8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu;

c) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hu ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll illi minkejja li d-difiża ngħatat żmien sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha, dan baqgħet m'għamlitux;

Rat illi l-kawża tinsab differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar it-28 ta` Ġunju 2008, l-Ispettur Jesmond Micallef ossia l-Uffiċjal Prosekutur f'dan il-

każ, bagħat żewġ Uffiċjali tal-Pulizija sabiex jagħmlu investigazzjoni rigward serqa li kienet seħħet ġewwa Marsaskala.[1]

Mix-xhieda ta' PS 435 David Damato, jirriżulta illi flimkien ma' PC 751 Joe Borg, huma ħabbtu ġewwa 120, Triq is-Silla Marsaskala. Fetħilhom il-bieb ċertu Keith Ellul, li wieġeb illi ma kien jaf xejn dwar din is-serqa. Il-mod kif Ellul laqagħhom qajjem suspett fiż-żewġ Uffiċjali tal-Pulizija u għalhekk huma reġgħu ħabbtu l-bieb tal-istess residenza u talbu lil Ellul sabiex jidħlu ġewwa. Hemm hekk sabu lill-imputat, li kien qiegħed fuq is-sodda, u billi x'ħin kellmuh raw manuvri suspettużi, iddeċidew li jagħmlu tfittxija fil-fond. Hekk kif bdew it-tfittxija, PS 435 David Damato innota xi oġġetti relatati mad-droga. Waqt it-tfittxija, l-imputat ħarab il-barra lejn il-kcina u waqt li kien qed jagħmel dan, l-istess imputat waqa' b'basket. Ix-xhud jgħid hekk: "*Hu kellu basket f'idejh tal-plastic u x'ħin kien qed jiġri u l-pulizija ġera warajh, waqgħu t-tnejn flimkien u x'ħin sar dan waqa' l-basket mimli li iktar tard kienet droga raża, imferrxa kollha ma' l-art u hu baqa' jiġri 'l barra bil-pulizija isegwieh*".[2] Dwar dan PC 751 Joe Borg jgħid hekk b'referenza għall-imputat odjern: "*...ħareġ jiġri 'l barra fejn hu u ħiereġ pruvajt inwaqqfu jien u waqgħetlu borża minn fuqu li kien fiha biċċiet tal-foil b'xi sustanza ġo fiha.*"[3] Ftit tal-ħin wara, PC 751 Joe Borg irnexxielu jaqbad lill-imputat. Sussegwentement, id-droga ġiet elevata u mgħoddija lill-Ispettur Micallef. Kompliet issir tfittxija wara li kemm Ellul u l-imputat ġew immanetjati u ġew elevati wkoll xi affarijiet relatati mad-droga, fosthom skont PC 751, sikkina mdaqqsa taħt is-saqqu tal-kamra tas-sodda tan-naħa ta' ġewwa tal-fond, liema oġġetti wkoll ġew mgħoddija lill-istess Spettur. Kemm l-imputat, kif ukoll Ellul ġew arrestati għall-investigazzjoni ulterjuri. Jirriżulta wkoll illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva dakinhar stess tal-arrest tiegħu wara nofsinhar.[4]

Jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond Micallef illi fost l-affarijiet elevati, kien hemm sustanza ta' lewn kannella skur suspettata cannabis, li partijiet minnha kienet imkebba individwalment, sikkina li kellha xi tiċpis fuqha u kienet qisha maħruqa, siringa użata, speċi ta` pipa żgħira li tista` tintuża sabiex titpejjep il-ħaxixa, kif ukoll ammont ta` flus fit-total ta' €205.72. Dawn l-oġġetti jidhru fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 1184 Patrick Grech.[5]

---

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jesmond Micallef, a fol. 8 u 9 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 23 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 42 tal-proċess.
[4] L-istqarrija tinsab esebita a fol. 11 sa 13 tal-proċess.
[5] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 35 *et seq* tal-proċess.

Skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[6], maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata erba' (4) dokumenti għall-analizi tiegħu u ċioe` s-segwenti:

a) *Evidence bag* bin-numru serjali A01666057 li fih kien hemm:

    i) 18 il-biċċa sustanza ta` lewn kannella ġo *aluminium foil* u 9 biċċiet sustanza ta' lewn kannella; u

    ii) landa żgħira bil-kliem "*Ye Olde Stash Tin*" li fiha kien hemm 14 il-biċċa sustanza ta' lewn kannella go aluminium foil u 2 biċċiet sustanza ta' lewn kannella;

b) *Evidence bag* bin-numru serjali A01666084 li fih kien hemm siringa;

c) *Evidence bag* bin-numru serjali A01666073 li fih kien hemm sikkina;

d) *Evidence bag* bin-numru serjali A01666074 li fih kien hemm pipa.

Jirriżulta mill-istess relazzjoni illi saret analiżi għall-presenza ta' *Tetrahydrocannabinol (THC)*, sustanza li tiġi mill-pjanta tal-cannabis, fuq is-sustanzi ta' lewn kannella indikati hawn fuq fil-paragrafu (a), is-siringa indikata hawn fuq fil-paragrafu (b), is-sikkina indikata hawn fuq fil-paragrafu (c) u l-pipa indikata hawn fuq fil-paragrafu (d).

Dwar dawn, l-espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

a) Illi fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li ġew analiżżati (ossia 32 minn 43 sustanza) (indikati iżjed 'il fuq fil-paragrafu a), instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* sustanza li tiġi mill-pjanta tal-cannabis. Il-piż totali tas-sustanza kienet ta' 144.35 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 11%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) Illi fuq *swabs* meħuda minn fuq is-sikkina (paragrafu c) u fuq estratt meħud mill-pipa (paragrafu d) ukoll instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*.

Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi s-siringa tat riżultat negattiv għall-presenza ta' *Tetrahydrocannabinol.*[7]

---

[6] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 133 *et seq* tal-process.

[7] Ara paġna 7 tar-relazzjoni.

Fil-mori tal-proċeduri odjerni ossia fis-6 ta' Diċembru 2013, ġie ppreżentat *Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat odjern mill-Uffiċjal tal-*Probation* Odelsie Bayliss.[8] Jirriżulta kemm minn din ir-relazzjoni, kif ukoll mix-xhieda tal-istess Uffiċjal tal-*Probation* illi l-imputat għandu problemi relatati mal-vizzju tad-droga. Mir-rapport jirriżulta wkoll illi l-imputat gie f'kuntatt mad-droga cannabis għall-ewwel darba meta kellu biss erbatax-il sena, sussegwentement ta' sittax il-sena beda jagħmel użu sostanzjali mill-*ecstasy* u ftit tax-xhur wara beda juża l-eroina, skont hu dejjem b'riżultat ta' *peer pressure*. Għalkemm l-imputat sostna, fiż-żmien ta' dan ir-rapport, illi huwa kien ilu ma juża l-eroina għall-perjodu ta' madwar tmien xhur, madankollu ammetta li ġieli kellu xi *relapse* u baqa' jagħmel użu mill-cannabis. Jidher ukoll illi kien għad hemm problemi soċjali u personali abbinati mal-użu tad-droga. In oltre għalkemm kien hemm okkażżjonijiet li fihom l-imputat fittex l-għajnuna kontra l-vizzju tad-droga u fis-sena 2006 attenda għal numru ta' sessjonijiet fi ħdan l-Aġenzija Caritas, biss huwa naqas milli jindirizza din il-problema b'mod konsistenti. Darbtejn daħal ġewwa r-*Residential Treatment and Rehabilitation Unit* fi ħdan il-Fondazzjoni Oasi iżda fiż-żewġ okkażżjonijiet, huwa telaq minn jeddu kontra l-pariri li ngħata. Jirriżulta wkoll illi in segwitu sofra *overdose* meta ħa doża akbar ta' Triptizol, mediċina li kienet ġiet preskritta lilu in konnessjoni ma' problemi ta' rqad. L-Uffiċjal tal-*Probation* tgħid ukoll illi l-imputat ma kellu l-ebda forma ta' struttura fil-mod ta' kif iqatta' l-ħin tiegħu u dan kien jidher mhux biss mill-fatt illi huwa kien diżokkupat, iżda wkoll min-nuqqas ta' passatempli li kellu, skont ma ġie rrappurtat minnu stess. Għalkemm hija rreferiet lill-imputat lill-Aġenzija Caritas, fejn beda jiġi segwit minn *key worker*, l-istess imputat ma attendiex għal żewġ appuntantamenti li kienu skedati mal-istess *key worker*.

Xehdet ukoll l-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia, inkarigata sabiex taġġorna s-*Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, li esebiet ukoll nota dwar l-andament tal-istess imputat fl-1 ta' Lulju 2015. Hija tgħid illi dak iż-żmien, l-imputat kien qiegħed jaħdem fuq bazi *full-time* bhala kok u sostna illi kien ilu disa' xhur ma jagħmel użu mid-droga eroina, iżda kien għadu jagħmel użu mill-cannabis. Minn żewġ kampjuni tal-urina illi ttieħdulu f'Ġunju 2015, wieħed irriżulta fil-pożittiv għad-droga kokaina, għalkemm f'dan ir-rigward l-imputat sostna illi dan kien użu ta' darba fi tmiem il-ġimgħa, fil-waqt illi test ieħor matul il-ġimgħa ta' wara rriżulta fin-negattiv għas-sustanzi lleċiti kollha inkluż kokaina, cannabis u eroina. Skont l-istess rapport, l-imputat kien qed iħares lejn ħajtu b'mod posittiv u dan fid-dawl tal-fatt illi kellu mpjieg u kien qed iżomm 'il bogħod mid-droga.[9]

## Ikkunsidrat ukoll:

[8] Ara dan ir-rapport, a fol. 51 sa 69 tal-proċess.
[9] Ara x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation*, a fol. 79 sa 81 tal-proċess u n-nota tagħha, a fol. 82 tal-proċess.

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti ser tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-28 ta' Ġunju 2008, wara l-arrest tiegħu. Jirriżulta mill-atti illi din l-istqarrija ġiet rilaxxjata minnu wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi. Ma jirriżultax madankollu illi l-imputat ingħata d-dritt li jottjeni parir legali qabel tali stqarrija. Effettivament tali dritt daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010. F'dan ir-rigward, il-posizzjoni legali llum hija waħda ċara. Biżżejjed illi l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **<u>Mario Borg v. Malta</u>**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor</u>** tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **<u>Carmel Saliba vs Avukat Ġenerali</u>** tas-16 ta' Mejju 2016, **<u>Stephen Nana Owusu vs Avukat Ġenerali</u>** tat-30 ta' Mejju 2016, **<u>Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et</u>** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **<u>Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et</u>** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*"

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba l-imputat ma ngħatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu (bħal ma lanqas ma ngħata d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess stqarrija – dritt li fil-liġi tagħna daħal fis-seħħ ferm wara), liema stqarrija ċertament kienet ta' preġudizzju għalih għaliex fiha għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, il-Qorti tqis tali stqarrija bħala inammissibbli u qegħda konsegwentement tiskartaha. Naturalment, dan japplika wkoll għax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Jesmond Micallef in kwantu din tirreferi għal dak li ddikjara l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' bejgħ jew traffikar tar-raża tal-cannabis u dan b'referenza għat-28 ta' Ġunju 2008 u l-aħħar xhur ta' qabel din id-data.

La darba skartata l-istqarrija tal-imputat, ma tirriżultax prova fl-atti, fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-imputat traffika r-raża tal-cannabis fil-perjodu li għalih tirreferi din l-imputazzjoni. Minkejja illi fil-fehma tal-Qorti, u kif ser jingħad iżjed 'il quddiem, jirriżultaw ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti sabiex tikkonkludi, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, illi l-imputat kien fil-pussess ta' droga li

ma kinitx intiża esklussivament għall-użu tiegħu, biss l-elementi li trid il-liġi sabiex jissussisti r-reat ta' traffikar ma jirriżultawx.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tar-raża tal-cannabis.

Kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed.*" U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli*".

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu*

*esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-*Artikolu 26(1) tal-Kap. 101*."

Jirriżulta mill-provi prodotti ossia mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu fil-fond in kwistjoni, illi qabel l-imputat ħarab minn fuq il-post u waqt li kien għadu ġewwa l-istess fond, huwa waqa' u fl-istess waqt waqgħetlu borża jew basket li, skont l-istess żewġ Uffiċjali tal-Pulizija, kien jikkontjeni diversi biċċiet ta' sustanza suspettata raża tal-cannabis, mkebbin fil-*foil*, bir-riżultat li dawn spiċċaw mifruxa mal-art. Jirriżulta għalhekk minn din ix-xhieda, illi l-imputat kien fil-pussess ta' din is-sustanza, liema sustanza skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta li kienet raża tal-cannabis. Jirriżulta wkoll illi l-piż totali tas-sustanza kien ta' 144.35 grammi; ammont sostanzjali li ċertament m'huwiex wieħed normalment assoċjat ma' użu personali. In oltre d-droga kienet maqsuma f'total ta' 43 biċċa, li minnhom 32 biċċa kienu mremblin individwalment ġol-*foil*. Fil-maġġor parti tagħhom, il-piż ta' dawn il-biċċiet kien ivarja bejn 2.20 grammi u 4.72 grammi – sbatax-il biċċa kellhom piż ta' bejn 2 grammi u 2.9 grammi, tnax-il biċċa kellhom piż ta' bejn 3 grammi u 3.88 grammi, fil-waqt illi disa' biċċiet kellhom piż ta' bejn 4 grammi u 4.72 grammi. Jirriżulta wkoll illi kien hemm biċċiet oħra f'piżijiet rispettivi ta' 0.31 grammi, 0.55 grammi, 6.10 grammi, 7.46 grammi u 7.99 grammi.

Il-Qorti tqis illi minkejja li jirriżulta ampjament mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat, illi huwa kien ilu jagħmel użu mill-cannabis għal snin twal, saħansitra minn meta kellu erbatax-il sena u li minn meta kellu madwar sittax-il sena, huwa kien beda jagħmel użu wkoll minn droga oħra, biss jibqa' l-fatt illi kif diġa` ngħad, l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tiegħu kien wieħed sostanzjali. In oltre l-istess droga kienet maqsuma f'numru sostanzjali ta' biċċiet f'piżijiet relattivament simili u fil-maġġor parti tagħhom dawn kienu mremblin fil-*foil* separatament. Dawn huma ċirkostanzi li lkoll flimkien ma jħallu l-ebda dubju illi din id-droga ma kinitx intiża sempliċiment għall-użu personali tal-imputat, iżda sabiex tiġi spaċċjata.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata iżda dan b'referenza biss għat-28 ta' Ġunju 2008 u mhux b'referenza wkoll għax-xhur ta' qabel din id-data, fir-rigward ta' liema, la darba skartata l-istqarrija tal-imputata, ma tirriżulta l-ebda prova.

Permezz tat-<u>tielet imputazzjoni</u>, imbagħad, l-imputat ġie akkużat ukoll bil-pussess 'sempliċi' tad-droga eroina. Anke f'dan ir-rigward, la darba skartata l-istqarrija tal-imputat, ma tirriżulta l-ebda prova mill-atti proċesswali li tista' twassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-imputat kien

fil-pussess tal-imsemmija droga fid-data u ż-żmien li għalih tirreferi din l-imputazzjoni. Lanqas mir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut ma jirriżulta illi nstabu mqar traċċi ta' din id-droga.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Għal fini ta' piena dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok, illi l-imputat ikkopera ferm mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha. Tqis ukoll illi l-fedina penali tal-imputat, fiż-żmien tal-każ odjern, kienet waħda netta u illi sa Novembru 2013 baqgħet l-istess. In oltre mir-rapport redatt fil-konfront tiegħu, jidher illi dan huwa l-unika każ pendenti illi huwa għandu quddiem il-Qorti.

Qieset ukoll is-*Social Inquiry Report* u illi min-nota u x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Deborah Farrugia jirriżulta illi l-imputat kellu mpjieg fiss u kien qed jgħix ħajja iżjed stabbli, b'dan illi għalkemm ma kienx qiegħed jagħmel użu mill-eroina, kien għadu juża l-cannabis madwar tliet darbiet fil-ġimgħa.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tqis ukoll l-ammont ta' cannabis misjuba fil-pussess tal-imputat, liema ammont kif ingħad, kien wieħed konsiderevoli.

Qieset ukoll illi minkejja illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2008, parti mid-dewmien fil-proċeduri kien dovut għal differimenti mitluba mid-difiża.

In oltre stante illi la darba skartata l-istqarrija tal-imputat, ma tirriżultax il-provenjenza tas-somma ta' mitejn u ħamsin ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€250.72) esebita in atti, il-Qorti ser tordna r-rilaxx tal-istess somma favur l-imputat. Dwar il-*mobile phone* tal-imputat, imbagħad, minkejja li f'dan ir-rigward fil-mori tal-inkjesta ġie maħtur Dr. Martin Bajada bħala espert tat-telefonija ċellulari, ma jidhirx illi dan irrelata dwar l-istess. Għaldaqstant, sejra wkoll tordna r-rilaxx tal-istess *mobile phone*.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati

tal-imputazzjoni (b), limitatament għat-28 ta' Ġunju 2008, u f'dan ir-rigward qed tikkundannah għall-piena ta` tnax (12) il-xahar priġunerija effettiva u piena ta' multa ta' elf ewro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, ossia s-somma ta' tlett mija, sebgħa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċentezmu (€367.87), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, kif ukoll is-somma ta' tnejn u ħamsin ewro, sitta u tletin ċenteżmu (€52.36), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 1184 Patrick Grech, b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' erba' mija u għoxrin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€420.23), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' mitejn u ħamsin ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€250.72) esebita bħala Dokument JM1 u tal-*mobile phone* formanti parti mill-atti tal-inkjesta, favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-oġġetti kollha relatati mal-abbuż tad-droga, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat